MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 257/2004

**“A”**

**vs**

**“B”; Direttur Registru Pubbliku u b’ digriet tal-Qorti ta’ l-24 ta’ Awissu 2004 gew nominati Dr. Vincent Galea u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri “C”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta’ Lulju 2004 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti, konjugi “A + B”, izzewgu fl-20 ta’ Marzu 1999 fil-Knisja Karmelitana tal-Annunzjata, Mdina, u minn dan iz-zwieg twieldet tarbija, “C”;

Illi "C" twieldet fis-26 ta' Mejju 2004 gewwa l-Isptar San Luqa u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru 1829/04; Dok. "A";

Illi l-attur gie mnizzel u registrat fl-imsemmija certifikat ta' twelid bhala missier ta' l-imsemmija tifla minuri;

Illi ghalkemm il-kontendenti konjugi "A + B" kienu sseparaw fis-26 ta' Jannar 2004 permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Sandra Valentino, (Dok. "B") huma kienu ilhom jghixu *de facto* separatament minn xhur qabel;

Illi matul il-perjodu li l-kontendenti konjugi "A + B" kienu qed jghixu *de facto* sseparati, il-konvenuta kellha relazzjoni ma' ragel iehor li minnu hija harget tqila u sussegwentament weldet lit-tifla "C";

Illi l-konvenuta taqbel u taccetta li t-tifla minuri "C" mhux wild naturali tal-attur izda ta' terz persuna, *stante* li z-zwieg bejn il-kontendenti "A + B" qatt ma kien gie kkunsmat bejniethom;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Previa *okkorrendo* bl-opera ta' Periti Teknici u *okkorrendo* wkoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki genetici u xjentifici kontemplati mill-**artikolu 70 tal-Kap. 16**, illi jistghu jigu ordnati minn dina l-istess Qorti u kondotti mill-Periti Teknici tavolata nominati, tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri f' dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri "C", b' mod illi r-rizultanzi tal-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess certifikati ta' twelid billi, *inter alia*, jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra tal-attur "A" u l-istess jigu sostitwiti b' dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta' "A" datat 28 ta' Lulju 2004, fejn talab lil din il-Qorti biex tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri "C" fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat id-digriet tat-3 ta' Awissu 2004 fejn il-Qorti ordnat il-hrug tas-soliti bandi.

Rat id-digriet tal-24 ta' Awissu 2004 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Vincent Galea u lill-P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern skond il-ligi datata 27 ta' Awissu 2004.

Rat id-digriet tal-Qorti sabiex il-partijiet jipprezentaw ix-xhieda taghhom bil-proceduta ta' affidavits moghti fid-9 ta' Dicembru 2004, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur tletin (30) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista' permezz tal-procedura tal-affidavit bin-notifika lill-kontro-parti li nghataw terminu ta' tlettin (30) gurnata min-notifika ta' l-affidavit sabiex jipprezentaw ix-xhieda taghhom li jistghu wkoll bil-procedura ta' l-affidavits u bin-notifiki relattivi kollox skond id-digriet relattiv a fol. 24 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 3 ta' Jannar 2005, a fol. 29, fejn ecepixxa bir-rispett:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju u ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi l-attur ghandu jispecifika fit-talba tieghu jekk hux qed jitlob li taht il-kolonna li taghti t-taghrif dwar il-missier tat-tarbija fl-Att tat-Twelid koncernat ghandhomx jitnizzlu l-kliem *"missier mhux maghruf"* jew id-dettalji ta' l-allegat missier naturali;

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m' huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m' ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

5. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda a fol. 30 u fol. 31.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Avukat Dottor Vincent Galea u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici nominati b' Digriet tal-24 ta' Awissu 2004 kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-minuri "C", datata 20 ta' Jannar 2005, a fol. 33, fejn ecipew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

2. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi nomine, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 34 u fol. 35 tal-process.

Rat il-verbal datat 15 ta' Marzu 2005, fejn ma deher hadd u l-Qorti ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista a spejjez attrici.

Rat ir-rikors tal-attur "A", datat 18 ta' Marzu 2005, a fol. 39, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti joghgobha terga' tqieghed il-kawza odjerna fuq il-lista tal-kawzi u dan taht

dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa w opportuni ta' din il-Qorti.

Rat id-Digriet datat 28 ta' Marzu 2005, fejn il-Qorti ordnat lill-attur jaderixxi ruhu mad-Digriet tal-produzzjoni tax-xhieda bl-affidavits tal-partijiet tad-9 ta' Dicembru 2004 bit-terminu ta' ghall-prezentata ta' l-istess affidavits jibda jghaddi ghall-ahhar darba mid-data ta' l-istess digriet.

Rat in-nota tal-attur **"A"** datata 29 ta' April 2005, a fol. 42, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu u ddikjara li l-provi huma maghluqa.

Rat id-Digriet datat 3 ta' Mejju 2005 fejn il-Qorti rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghall-1 ta' Novembru 2005.

Rat in-nota tal-konvenuta **"B"** datata 10 ta' Mejju 2005, a fol. 46, li permezz taghha tat ruhha notifikata bic-citazzjoni odjerna u bl-avviz tas-smiegh.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta "**B**", datata 10 ta' Mejju 2005, a fol. 47, fejn ecepixxa bir-rispett:

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi l-attur mhux il-missier naturali ta' bintha minuri "**C**";

2. Illi l-missier naturali tal-minuri "**C"** huwa "**D**" u ghaldaqstant, l-eccipjenti taqbel li ghandu jkun hemm dawk il-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri "**C**" li jgib in-numru 1829/2004, li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa fic-cirkostanzi;

3. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta "**B**", il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 48 u fol. 49.

Rat l-affidavit tal-konvenuta **"B"** a fol. 50 u fol. 51 tal-process, datat 10 ta' Mejju 2005.

Rat l-affidavit ta’ **“D”** a fol. 52 tal-process, datat 25 ta’ Awissu 2004.

Rat ir-rapport tad-DNA maghmul minn Dr. Renald Blundell minn fol. 53 sa fol. 55 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta “**B**”, datata 20 ta’ Gunju 2005, a fol. 57, li permezz taghha prezentat kopja tad-dispensa *super matrimonio rato et non consumato* miz-zwieg tal-partijiet, moghti mill-Qdusija Tieghu l-Papa Gwanni Pawlu II u esebiet bhala Dok. “SD 4” a fol. 58 *et sequitur* tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta “**B**”, datata 11 ta’ Lulju 2005, a fol. 62, li permezz taghha ddikjarat li l-provi maghluqa.

Rat il-verbal datat 1 ta’ Novembru 2005, fejn il-Qorti stenniet li t-testijiet tad-DNA jigu kkonfermati fir-Registru bil-gurament minn Dr Renald Blundell u l-partijiet kellhom jiehdu hsieb li dan isir fi zmien ghoxrn (20) jum mid-data ta’ l-istess digriet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2006.

Rat in-nota tal-konvenuta “**B**” datata 2 ta’ Novembru 2005, a fol. 64, li permezz taghha prezentat id-dokumenti originali tad-DNA Testing ikkonfermati bil-gurament mill-espert xjentifiku Dr. Renald Blundell fl-istess data tat-2 ta’ Novembru 2005, vera kopja ta’ liema diga’ gew ipprezentati u jinsabu esebiti fil-process.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti (1) tiddikjara li l-attur m’ huwiex il-missier naturali tat-tarbija “C” li weldet martu fis-26 ta' Mejju 2004; u (2) konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid bin-numru 1829/04 biex isiru l-korrezzjonijiet kollha

necessarji fejn l-isem l-attur jigi mnehhi u sostitwit, jekk ikun il-kaz ma' isem il-missier naturali.

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda ta' *denegata paternita'* u hija minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex jigi attakkat l-istat ta' legittimita' *o meno* ta' l-ulied. Fil-fatt it-tlett azzjonijiet huma s-segwenti u cjoe':-

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952):-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi;*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza;*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu".*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (A. J. M.) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke' kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint

li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A.(RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid **jew** tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilta' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-

kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke' jekk tigi ppruvata l-impossibilta' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. (RCP) deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit. Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. (RCP) deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru: 190/97/RCP); **"Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. (RCP) deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u ohrajn.

Illi ghal dik li hija l-kawza odjerna ma hemm l-ebda dubju li din l-azzjoni, kif *di piu'* ndikata fic-citazzjoni attrici giet

istitwita skond il-parametri tal-**artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** li jiddisponi li:-

*"Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg:-*

*(a) jekk jipprova li, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibilta' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul iz-zwieg ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn jekk jipprova xi fatt iehor (li jista' jkun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita'".*

**(II) APPLIKAZZJONI GHALL-PROVI PRODOTTI.**

Illi fl-ewwel lok wiehed irid jirreferi ghall-**artikolu 73 tal-Kap 16** li jipprovdi li tali azzjoni mir-ragel ta' martu u omm tal-istess tarbija trid issir fi zmien sitt (6) xhur mit-twelid, jekk ir-ragel dak iz-zmien ikun jinsab Malta, u jew fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi. Illli f'dan il-kaz jirrizulta li l-attur prezenta din ic-citazzjoni fit-28 ta' Lulju 2004, meta t-tarbija twieldet fis-26 ta' Mejju 2004.

Illi fl-atti processwali, l-konvenuta "B" jidher li ammettiet u accettat il-fatt li l-istess attur m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri tant li fil-affidavit taghha li gie prezentat fl-10 ta' Mejju 2005, hija ammettiet li t-tarbija "C" mhux bint

l-attur, li hu zewgha u qablet li ghadhom isiru l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-istess minuri. Fil-fatt jirrizulta li z-zwieg bejn il-partijiet qatt ma gie kunsmat u minhabba tali problema l-partijiet bdew jghixu *de facto* separati minn xulxin. F’ Marzu 2003 huma bdew il-proceduri tas-separazzjoni u fis-26 ta’ Jannar 2004 iffirmaw il-kuntratt ta’ separazzjoni personali quddiem in-Nutar Sandra Valentino li jinsab esibiet bhala Dok. “B”, minn fol. 8 sa fol. 15 tal-process. Mhux hekk biss izda jirrizulta li l-istess partijiet “A” u “B” qatt ma’ kkonsmaw iz-zwieg taghhom tant li t-Tribunal Ekklessiastku ta d-dispensa ta’ *super matrimonio rato et non consumato* datat 15 ta’ Gunju 2005 u liema digriet ta’ dispensa jinsab esebiet bhala Dok. “SD 4” a fol. 58 tal-process; din fil-fatt kienet il-problema f’din ir-relazzjoni tant li l-partijiet isseparaw anke legalment kif fuq inghad.

Illi dan ovvjament wiehed irid izid il-provi prodotti dwar testijiet xjentifici li saru minn Dr. Renald Blundell u li gew esebiti bhala Dok. “SD3” minn fol. 53 sa fol. 55 tal-process, li sar fuq l-attur, il-minuri “C” u “D”, fejn jinghad bl-iktar mod car li *“The alleged biological father, “D” cannot be excluded as being the biological father of the child, “C”. Based on these data, the probability of paternity is 99.9999% as compared to an untested randomly chosen man of the CAUCSIAN population”.*

Illi mhux hekk biss izda fid-dokument a fol. 65 tal-process datat 28 ta’ Dicembru 2004 mahrug mill-*Medical Laboratory Services ta’ St. James (Capua) Hospital,* taht il-firma ta’ Dr. Renald Blundell B.Sc. M.Phil. (Edin.), M.I. Biol. C.Biol. EuroProVBiol. *Molecular and Cellular Biologist* jinghad li:-

*“Enclosed please find a copy of the official paternity results of Mr. “A”, Ms. “B”, Ms “C” and Mr. “D””.*

*‘“A”* ***is excluded*** *as being the biological father of the child, “C”. The probabilty of paternity is 0%”.*

*““D”* ***cannot be excluded*** *as being the biological father of the child, “C”. The probability of paternity is 99.9999%”.*

Illi dan ifisser li l-istess konvenuta kkommettiet adulterju ghaliex kellha relazzjonijiet intimi ma' terza persuna, fejn rizultat ta' din ir-relazzjoni extra-maritali kien il-wild tal-istess minuri, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li gew sodisfatti d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 70 (1) (b) u (d) tal-Kap 16.**

Illi fic-cirkostanzi ma hemm l-ebda dubju li l-prova tad-DNA *testing* teskludi kull possibilita' li l-attur "A" jista' jkun il-missier naturali tal-minuri "C", filwaqt li turi li probabbiblita' li "D" huwa l-missier naturali tal-minuri hija ta' 99.9999%. Ghalhekk taht dan l-aspett it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kollha peress li gie konkludentement ippruvat li l-attur m'huwiex il-missier naturali u legali tal-istess minuri "C", u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet idoneji fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri, inkluz dak indikat mill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-tieni eccezzjoni tieghu. Fil-fatt jinghad ukoll li l-imsemmi "D" fil-fatt irrikonoxxa wkoll li huwa missier l-istess tarbija "C".

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuta "B", u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri u tad-Direttur Registru Pubbliku, biss inkwantu l-istess eccezzjonijiet huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, **tilqa` t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri "C" m'hijiex bint naturali ta' l-attur "A" b'dan ghalhekk li tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid ta' l-istess minuri Numru 1829/2004, b'dan li l-attur ma jibqax jigi ndikat bhala missier l-istess minuri u kull referenza ghall-attur fl-istess certifikat bhala missier l-istess minuri ghandha tigi kkancellata u wkoll jigu kkancellati d-dettalji kollha tieghu inkluz il-kliem *"of the said"* mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm;

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri “C”, b’ mod illi r-rizultanzi tal-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess certifikat tat-twelid billi, *inter alia*, jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra tal-attur “A” u l-istess jigu sostitwiti bil-konnotati kollha ta’ “D”, imwieled is-Serbja, bin Slobodan u Ljubinka Arsic, fit-23 ta’ Gunju 1976 u d-dettalji kollha relattivi ta’ l-istess “D” skond il-Passaport tieghu numru 002456256, b’dan li l-istess minuri ghandha tigi ndikata bhala li hija bint l-istess “D” u b’dan ukoll li l-istess attur ma ghandux jibqa’ jigi ndikat bhala missier l-istess minuri.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* ta’ l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta “B”.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------